# L-Aħħar Żjara

Victor Fenech

Hamsa u erbgħin sena. Daqshekk kellu ħuh iż-żgħir. U l-parti l-kbira ta' ħajtu, wara t-trawma li messitu, kien għaddieha f'malinkonija akuta. "*Jekk trid tarah ħaj għall-aħħar darba trid tiġi malajr, nittama li tilħqu* ..." Telefonata bla kliem żejjed mingħand ommu, u fiha qara ħafna uġigħ il-qalb.

Kien ilu sejjer lura, imma qaleb għall-agħar f'daqqa. L-omm ċemplet għall-ambulanza f'nofs ta' lejl u wara stennija twila qalulha li t-tabib ried ikellimha. Qalbha ħebritha minnufih. Kienet diġà fehmet li l-ħass ħażin ta' binha ma kienx bħal tas-soltu. Għalhekk ma nħasditx wisq meta t-tabib għarrafha li ma jagħtihx ġimgħa oħra. Il-ħsara li ħalliet fih il-marda twila kienet ilha żmien irriversibbli. L-organi tiegħu kienu spiċċaw għalkollox; l-apparat biss kien qed iżommu ħaj. Muġugħ ma kienx, għax kien fuq il-morfina. Imma jiemu kienu magħduda.

Franco ħa dan kollu b'kalma kbira. Għaraf li ħuh kien għadda ħajja ta' tbatija u li, b'missierhom mejjet, kien ta' piż qawwi fuq ommhom li sikwit riedet tqandlu, anki jekk dan kollu għamlitu bi mħabba li omm biss taf tħoss. Issa l-età u t-tqandil bdew jagħfsu wkoll fuq l-omm. Mill-urġenza tat-telefonata Franco malajr għaraf x'kien mistenni minnu. Kien jaħdem ma' kumpanija tal-assigurazzjoni f'Milan. Talab *permesso per ragioni personali* u ngħata *tre giorni senza retribuzione*. Dakinhar stess qabad l-Air Malta minn Malpensa; f'sagħtejn kien Malta.

Pajjiż twelidu kien sar barrani għalih, aktar u aktar wara l-mewt ta' missieru. Appena daħal id-dar intebaħ kemm ommu kienet xjaħet f'daqqa u

kemm għajnejha kienu jixhdu l-ħajja sofferta li għaddiet minnha. Għannaqha fit-tul u wara qagħad jismagħha tgħidlu l-litanija ta' tbatija li ħuh kien għadda minnha. Xorob il-kikkra te li ħejjietlu, u daħal jistrieħ fil-kamra li ommu dejjem żammet għalih. L-għada filgħodu jmur l-isptar u jara lil ħuh għall-aħħar darba.

Sptar sabiħ, ħaseb hu u dieħel Mater Dei, iħabbatha mal-aqwa fl-Italja. Staqsa fir-*reception desk* u malajr iggwidawh għas-sezzjoni fejn kien ħuh. Kien stenna li jarah magħdur, imma xorta nħasad meta rah hekk bla ħajja, kollu pajpijiet u bil-bomblu tal-ossiġnu ħdejn soddtu. Għaraf li fil-verità kien diġà mejjet; kien jonqsu biss l-aħħar rit tal-passaġġ, li ma kienx se jtul. Qagħad bilqiegħda f'tarf is-sodda u sejjaħlu kwiet: *Manuel, Manuel* ... Kien jaf li ma jistax jisimgħu, wisq anqas iwieġbu. Imma ħass li xi mkien fl-ispirtu tiegħu Manuel kien qed iħoss il-preżenza ta' ħuh il-kbir. U forsi tkunlu ta' rifuġju fl-aħħar ħinijiet tiegħu.

Ressaq wiċċu miegħu, u ssokta jkellmu: *Tibżax, ħi, daqt tintemm it-tbatija tiegħek, daqt tkun f'dinja aħjar* ... Inħasad bi kliemu stess. Dan hu li qed jgħid dawn il-kelmiet? Hu, li kien tilef il-fidi u sar jemmen li l-ħajja hi biss inċident bijoloġiku! Għaliex issa qed jirreferi għal dinja aħjar? Forsi għax dan hu l-kliem adatt f'mumenti bħal dawn fis-soċjetà Nisranija Maltija? Kienet x'kienet ir-raġuni, ħass dak il-ħin li ħuh qiegħed jisimgħu, mhux b'widnejh imma f'ruħu, xi mkien fl-essenza tiegħu. *Mur, ħi, mur bil-kwiet. Missierna qed jistenniek, tibżax, jieħu ħsiebek żgur. Mur, ħi, mur bil-kwiet, ħsibijieti qegħdin miegħek, sa ma tasal ħdejh, imbagħad jieħu ħsiebek hu. Mur, ħi, tibżax...*

Franco ħareġ mill-isptar iħoss bidla fih. Kien hu li lissen dawk il-kelmiet? Hu, l-anjostiku li ma jemminx bil-misteri li fi tfulitu kienu għallmuh jaċċetta b'għajnejh magħluqa? Hu, li dejjem żamm lil Alla u l-eternità bħala ħliqat ivvintati mill-bnedmin biex forsi jgħattu l-vojt ta' wara l-mewt? "Il-Fidi hi kollox," kien assigurah qassis xwejjaħ xi mkien tul il-pellegrinaġġ imħarbat ta' ħajtu. U hu kien wieġbu, "Dik ivvintajtuha intom il-qassisin biex tiddominaw il-massa." U l-qassis, b'ton ta' mogħdrija, kien qallu, "Jisgħobbini ibni, emminni, nitlob għalik biex xi darba tara d-dawl." Possibbli li kien dieħel, tant snin wara, fil-labirint ta' reviżjoni spiritwali?

Fil-karozza tal-linja lura d-dar intasab ħdejn tieqa ħarira mbexxqa. Kienet il-kesħa, imma ma ħasshiex. F'Milan kienet wisq agħar, għad li mhux hekk umda. Ir-rotta kienet tgħaddi minn toroq traffikużi, imma ma ra u ma sema' xejn. Moħħu kien qisu f'morsa. Xtaq jifhem sewwasew ħsibijietu. Xtaq jifhem għala, wiċċ imb wiċċ mal-mewt, ħassu hekk kalm, u anki qal kliem li qatt f'għomru ma kien lissen ...

Lil ħuh Manuel kien iħobbu, għax l-uniku wieħed li kellu. Minħabba l-kundizzjoni tiegħu qatt ma seta' jaqsam ħajtu miegħu, imma kien ħuh, u kien iħoss għalih. Issa, la kull tama ntfiet, għall-ewwel darba f'ħamsa u erbgħin sena, xtaqu jistrieħ.

Jistrieħ tassew. Darba għal dejjem. Imur mill-aktar fis fejn jgħidu li l-erwieħ it-tajba kollha għad imorru. Reġa' skanta kif kien qed jemmen affarijiet li kien ilu li ċaħad. Xi tkun din li f'mumenti ta' kriżi u taqtigħ il-qalb fil-bniedem donnhom jirxuxtaw twemminiet qodma li fil-ħajja mgħaġġla tal-lum ikunu sfaw fossilizzati?

Wara l-mewt ta' missieru, li għalih kien l-aqwa ħabib, Franco kien għadda minn perjodu ta' dubji u stmerrijiet sakemm wasal għaċ-ċaħda totali ta' kull m'għandu x'jaqsam mar-reliġjon, saħansitra mal-ħsieb li wara għeluqna ngħaddu għal ġudizzju quddiem l-Ogħla Mħallef u mbagħad għal ħajja oħra skont għemilna tal-passat. Għax, wara kollox, fil-fond ta' qalbu baqa' jemmen li nies twajba bħal missieru u ħuh għandhom ikollhom mertu li l-ħajjen m'għandu ebda dritt għalih. Imma kif, u fejn?

Mitluf f'dawn il-ħsibijiet, inħasad b'leħen ix-xufier. "Wasalna, ħabib." Intebaħ li l-karozza kienet waqfet fil-venda, żvujtat min-nies, u li hu kien l-aħħar passiġġier. Niżel u kellu jimxi ħames kantunieri lura lejn id-dar.

Lil ommu m'għabbihiex bil-ħsibijiet li kienu qed itaqqlulu moħħu. Hekk jew hekk, ma kinitx se tifhmu. Ħajjitha kienet ilha snin twal iddur mal-quddiesa ta' filgħodu, il-kura ta' binha, u r-rużarju ta' filgħaxija. Qalilha biss kif sabu, u li minkejja l-qagħda mwiegħra li sabu fiha ħassu ċert li b'xi mod kien konxju tal-mawra tiegħu.

Iċċenaw flimkien u wara daħal f'kamartu. Għalaq il-bieb u qabad il-ktieb li kien xtara mill-ajruport biex jgħaddi s-sagħtejn tat-titjira. Ma damx ma induna li moħħu kien band'oħra. Iddeċieda li jimtedd. Hu u jinża' dawwar wiċċu f'daqqa u nħasad xħin ra x-xbieha ta' missieru ħdejn il-bieb. Rah jagħmel sinjal ħafif b'idu, u jiġbidha bil-lajma lejn sidru. Tbissima ħafifa, xejn iżjed, u x-xbieha għebet bħal ma ġiet – f'tebqa t'għajn.

Għal xi ħin baqa' wieqaf, issummat, idejh iserrħu mat-testiera tas-sodda, bil-piġama mitwija fuq l-imħadda. Għaraf mill-ewwel li kienet biss illużjoni, li l-ħsibijiet tal-ġurnata kienu ngħaqdu b'mod li moħħu kien infetaħ għal dehriet insoliti. Anki jekk biss illużjoni, ħassu hieni li mqar għal mument wieħed kien esperjenza 'l missieru b'mod hekk ħaj. Dak il-ħin l-arloġġ fil-kuritur daqq is-siegħa ta' filgħodu. Hassu jistenbaħ mill-immaġni li ħasditu. Libes il-piġama, daħal fil-friex u tefa d-dawl ta' ħdejn rasu. Dam ħafna jitqalleb

f'sodda bla faraġ, medhi fi ħsibijiet ma jissarrfux fi kliem. Fl-aħħar għajnu marret bih u raqad.

Mal-ħamsa ta' filgħodu daqq it-telefown. Qam maħsud, konvint li kienet sejħa mill-isptar. Ħareġ jiġri fil-kuritur, sab lil ommu diġà bit-telefown ma' widnejha.

"Iva, jaħasra?" semagħha tgħid b'leħen fgat. "Straħ, qalb ta' qalbi..." U bdiet timsaħ għajnejha. "Għidli, ners ... iva, iva ... imma ma batiex biex imur, hux? ... Jiġifieri xejn xejn, lanqas kelma ma qal ... hekk, bħal għasfur, ruħi qalbi ... Le, ners, tiħux ħsieb, dalgħodu jiġi t-tifel ħa jarah u jagħmel l-arranġamenti ... iva, tiħux ħsieb ... u ħares, nirringrazzjak ħafna, taf, ta' kemm għamilt miegħu ... Iva, ners, nitlob għalik ukoll." Poġġiet is-sett f'postu bla ħoss. Baqgħu t-tnejn iħarsu lejn xulxin fil-kwiet. Imbagħad resaq lejn ommu u ħaddanha miegħu.

Seta' jifhem il-vojt li ħakimha f'daqqa, imma mhux il-mitt memorja għażiża ta' omm u iben li kienu wens għal xulxin u qasmu ħajjithom fi mħabba kwieta. Fehem li issa ommu tassew sfat waħedha fid-dinja. Tħassarha kif intefgħet tolfoq kwieta fuq siġġu. Niżel kokka ħdejha u qabdilha idha kiesħa silġ. "Ma, straħ, miskin ..." Kien konxju li qed jirrepeti kliemha stess – imma x'hemm x'tgħid f'mumenti bħal dawn? Is-skiet jgħid kollox. Reġa' għannaqha miegħu. "Ma, ħa nilbes, ħa mmur," qalilha. "Ħalli kollox f'idi."

"F'idejk, ibni, ftakar ħuk kemm ħabbek fil-mod tiegħu. Jien ma niġix, taf li ..."

"Naf, ma, l-imwiet ma tiflaħhomx. Tibżax, nirranġa kollox jien. Tiħux ħsieb."

Kif wasal l-isptar baqa' sejjer fil-*ward* fejn kien ħallieh. Ma kienx hemm. Is-sodda kienet maqlugħa. Iggwidawh lejn kamra oħra, u rah ... waħdu, bla pajpijiet u bla bomblu, b'idejh marbutin fuq sidru. Wiċċu jixhed sens ta' paċi.

U resaq ħdejh.

U baxxa rasu u baqa' sieket. Dak il-ħin ħass moħħu jiżvojta. La lissen kelma, u la fehem il-kalma stramba ta' ħsibijietu.

Dam ftit hekk. Imbagħad ħareġ ħa jkellem lill-kummissjunarju dwar id-difna.

Imma qabel ried jaf xi ħaġa. Xi ħaġa importanti għalih. Xtaq ikellem lil waħda min-nersijiet tan-*night shift*, dik li kienet ma' ħuh xħin miet. "Nixtieq naf," qalilha, "fi x'ħin miet ..."

"Ngħidlek eżatt," weġbitu. Fetħet il-fajl u qrat in-*nursing note*. "Fis-siegħa se ddoqq."

"Fis-siegħa se ddoqq," irrepeta warajha, u baqa' jħares lejha.

In-ners bħal infixlet xi ftit. "Ma ċempilniex qabel ... dehrilna li ommok, taf int ... kienet qaltilna ..."

"Le, xejn, xejn. Mhux għalhekk. Xtaqt inkun naf il-ħin eżatt, dak kollu. Grazzi."

Hu u nieżel bil-lift ftakar li lil missieru kien 'rah' mat-tokk tas-siegħa. U dlonk għaraf li dik it-tixjira ta' jdejh lejn sidru kienet sinjal intimu ta' bejniethom. Ried jgħarrfu li t-talba tiegħu kienet instemgħet, li lil Manuel kien diġà laqgħu u se jieħu ħsiebu hu fil-misteru bla tarf li drajna nsejħulu 'il-ħajja ta' dejjem' … l-eternità.